# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416101 FAX : 21416941


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 91

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Magda Magri Naudi – Sindku
Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Salvu Farrugia – Kunsillier
Massimo Scerri – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Magda Magri Naudi, ippresediet il-laqgħa.

### 91.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

91.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

### 91.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 90

91.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tad-disgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

91.2.2 Is-Sindku staqsiet jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti.

91.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Kunsillier Massimo Scerri, il-minuti ġew approvati unanimament.

### 91.3 L-Ittra ta’ Direzzjoni 2018 u Risposta tal-Kunsill

91.3.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tpoġġiet l-Ittra ta’ Direzzjoni 2018 bid-data 29 ta’ April, 2019, li minkejja din id-data waslet fl-uffiċċju tal-Kunsill fit- 3 ta’ Ġunju, 2019.

91.3.2 Fuq il-Mejda tpoġġiet ukoll ir-risposta ta’ din l-Ittra tad- direzzjoni 2018, li ġiet issuġġerita, bid-data 13 ta’ Ġunju, 2019.

91.3.3 Kopja ta’ din l-Ittra ta’ Direzzjoni flimkien mar-risposta ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

91.3.4 Il-Kunsill approva l-Ittra ta’ Direzzjoni 2018 u kif ukoll qabel li tintbgħat ir-Risposta ssuġġerita.

### 91.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

91.4.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ pagamenti nru. 6/19 li tinkludi l-ammont ta’ €25.22 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta’ Mejju 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda.

91.4.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kif ukoll il-Petty Cash kienu proposti għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienu ssekondati mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

### 91.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

91.5.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.25pm.

91.5.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir illum stess, il-Ħamis, 13 ta’ Ġunju 2019 fil-5.30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 13 ta’ Ġunju, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Magda Magri Naudi<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |